MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 880/2006

Jeroen Frech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Ilios Limited
vs
MV Elinor TH (bastiment registrat taht il-bandiera tal-Bermuda)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Paul Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta` Patron Group Limited (C35360) sid tal-bastiment MV Elinor TH, li bih espona:

Illi permezz ta' rikors datat 21 ta' Settembru 2006, l-intimat kien talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' Impediment ta' Safar tal-bastiment MV Elinor TH in kawtela ghal kreditu minnhom pretiz ta' erbghin elf liri Maltin (Lm40,000) minhabba danni kawzati mill-bastiment MV Elinor TH proprjeta` tar-rikorrent;

Illi l-intimati wkoll kienu talbu u ottjenew il-hrug ta’ Mandat ta’ Qbid fil-konfront tar-rikorrent, illi f’dan l-istadju, ir-rikorrent ma kienx edott bir-referenza ta’ tali mandat stante li kien ghadu ma giex ezegwit mill-Marixxalli ta’ din il-Qorti u lanqas ma kien jaf x’inqabad mill-pussess tieghu in forza ta’ dan il-mandat;

Illi l-fatti li kienu taw lok ghat-talba ghall-hrug tal-mandat odjern kienu fil-qosor, illi fil-hmistax (15) ta’ Settembru waqt li bastiment bl-isem MV Elinor TH proprjeta` tar-rikorrent kien qed jimmanuvra sabiex johrog mill-irmigg laqat bastiment bl-isem L’Illiade proprjeta` tas-socjeta` intimata li kien irmiggjat vicin Bezzina Ship Repair Yard fejn kienu qed isirulu xi xogholijiet ta’ tiswija u manutensjoni;

Illi ghad li ma kien hemm hadd fuq il-bastiment milqut ir-rikorrent mill-ewwel kien avvicina lill-impjegati ta’ Bezzina Ship Repair Yard sabiex jindaga min kieku s-sidien ta’ l-imsemmi bastiment l’Illiade sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni. Fil-fatt kien ir-rikorrent li kkomunika mar-rapprezentant tas-socjeta` intimata hawn Malta sabiex jiltaqa’ mieghu;

Illi r-rikorrent u rapprezentant tas-socjeta` intimata kienu ltaqghu bosta drabi sabiex jipprovaw jikkwantifikaw id-danni minghajr il-bzonn ta’ proceduri gudizzjarji, izda ma ntlahaq l-ebda ftehim fuq il-kwantifikazzjoni tad-danni izda r-responsabbilta` tar-rikorrent ma kien fl-ebda mument kontestata u dana kien jafu ben car l-intimat;

Illi nhar it-22 ta’ Settembru l-kontendenti kellhom jiltaqghu sabiex ir-rikorrent jobbliga ruhu permezz anke jekk ikun il-bzonn ta’ ipoteka genarali li jhallas id-danni minnu kawzati skond award ta’ Arbitragg jew sentenza tal-Qorti;

Illi minflok l-intimat, minghajr ma kkancella l-appuntament mar-rikorrent, fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Settembru, kien talab u ottjena l-hrug tal-mandat ta’ impediment ta’ safar tal-bastiment MV Elinor TH, minghajr ma kien ta l-ebda pre-avviz lir-rikorrent;

Illi r-rikorrent kien persuna ta' nazzjonalita` Maltija u kellu assi sufficjenti lokalment sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni tal-intimat, u dana kien ghamlu ben car fil-laqghat li kienu saru sabiex il-kontendenti jaslu ghal ftehim u ghalhekk l-intimat ma kien seta' qatt kellu dubju ragjonevoli li ma kienx ser ihallas it-talbiet tal-intimat. Di piu`, l-intimat kien konsapevoli tal-fatt li l-bastiment in kwistjoni kien ta' sid Malti, anke permezz ta' dokumentazzjoni li kien inghata, u ghalhekk, ma kien seta' qatt kellu biza ragjonevoli li l-bastiment kien ser ihalli l-gurisdizzjoni Maltija minghajr ma jirritorna u di piu` l-intimat ukoll kien talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid sabiex jikkawtela doppjament il-pretensjoni minnu vantata;

Illi huwa ben stabbilit mill-gurisprudenza ta' din il-Qorti u l-Qorti tal-Appell li l-mandati kawtelatorji jinhargu mill-Qorti kompetenti taht ir-responsabbilta` ta' min jitlobhom;

Illi fl-ewwel lok kienet il-fehma umli tar-rikorrent li t-talba ghall-hrug tal-mandat fl-ismijiet premessi kienet frivola, vessatorja, malizzjuza u mhux gustifikabbli;

Illi l-mandat imsemmi kien qed jikkawza danni sostanzjali lir-rikorrent stante li r-rikorrent kien firmatarju ta' charterparty agreement (Dok A) fejn a tenur ta' artikolu 19.2 ta' l-imsemmija skrittura huwa jkun jista' jkun tenut ihallas l-ammont ta' mitt elf Dollari Americani (USD 100,000) bhala penali fl-eventwalita` li jonqos li jonora l-ftehim in iskritt u ma jaghtix is-servizz mitlub;

Illi apparti l-penali msemmija, tul kemm ilu in vigore dana l-mandat fit-22 ta' Settembru (Dok B) ir-rikorrent permezz tal-bastiment maqbud kien intalab jiehu provvisti fuq l-Oil Platform Bouri bicca xoghol li kienet ser ittul hamest (5) ijiem u ghaliha kien ser jithallas skond il-ftehim imsemmi l-ammont ta' tletin elf Dollaru Amerikan (USD 30,000);

Illi ukoll f'dan il-perjodu, ossija fis-27 ta' Settembru (Dok C) kien intalab jirmonka zewg Yokohama Fenders lejn il-punent ta' Cipru, bicca xoghol li kienet ser tiehu ghaxart (10) ijiem u ghaliha kien ser jithallas is-somma ta' sittin elf Dollaru American (USD 60,000);

Illi l-fatt li l-mandat in kwistjoni qed jikkawza danni kbar lir-rikorrent kien ingieb a konjizzjoni ta’ l-intimat izda dana xorta kien baqa’ jirrifjuta l-garanzija permezz ta’ ipoteka generali kif kien intqal aktar ‘il fuq, jew li r-rikorrent jobbliga ruhu li jiehu hsieb hu jinkariga persuni kompetenti sabiex isewwu l-hsarat, jew il-kawtela li kien ser ikollu permezz tal-Mandat ta’ Qbid imsemmi;

Illi l-intimat ma kellu l-ebda assi fil-gurisdizzjoni Maltija ghajr bastiment tal-qlugh ta’ cirka sittin (60) pied (Dok D);

Illi fit-tieni lok, l-ammont mitlub fil-mandat ma kienx prima facie gustifikat u kien eccessiv stante li rapport tal-hsarat imhejji minn espert maittimu (Dok E) kien ikkonkluda li apparti li l-hsarat kienu aktarx aktar serji minhabba li l-bastiment ta’ l-intimat ma kienx irmiggjat skond is-sengha, jekk kollox kellu jinbidel u jsir mill-gdid li x’aktarx ma kienx il-kaz, id-danni kellhom ikun massimament, ta’ bejn it-tmint elef (Lm8,000) u l-ghaxart elef (Lm10,000) liri Maltin;

Illi ghalhekk il-kawtela li kienet qed tintalab kienet eccessiva u mhux gustifikata fic-cirkostanzi;

Ir-rikorrent nomine talab lill-Qorti:

1. Tordna r-revoka tal-mandat ta’ Impediment ta’ safar mahrug kontra l-bastiment MV Elinor TH li jgib ir-referenza 1409/06 stante li:

(a) A tenur ta’ Artikolu 836.1.d, tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-ammont mitlub ma huwiex prima facie gustifikat u huwa eccessiv:

(b) il-mandat imsemmi qed jikkawza danni kbar lill-esponent ma huwiex gustifikat fic-cirkostanzi, illi jibqa’ jinzamm fis-sehh dana l-mandat, dana a tenur ta’ artikolu 836.1.f, tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara li t-talba ta’ l-intimat ghall-hrug tal-mandat de quo saret b’malizzja, u hija frivola u vessatorja u konsegwentement tikkundanna lill-intimat ihallas lir-

rikorrent nomine penali ta' mhux anqas minn hames mitt liri maltin (Lm500) u mhux aktar minn tlett elef liri Maltin (Lm3,000) ai termini ta' l-Artikolu 836.8 tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta u dana taht kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

3. Fin-nuqqas, a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' malta, fi zmien stabbilit minn din il-Qorti, tordna lis-socjeta` intimata taghti garanzija ghall-hlas tad-danni u imghax jew fin-nuqqas tnehhi l-mandat kawtelatorju.

Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni skond il-ligi.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Jeroen Frech li biha eccepixxa:

**1. <u>Art. 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta` Malta</u>**

L-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta` Malta jistipola illi **<u>l-intimat li jkun inħareġ mandat kawtelatorju kontrih</u>** huwa intitolat li jagħmel rikors sabiex jitlob li dak l-att kawtelatorju jiġi revokat sew għal kollox jew in parti għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin :

(a) l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;

(b) waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx fil-fatt għadha teżisti;

(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta` att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista` għas-sodisfazzjon tal-qorti, tassigura bizzejjed dik il-pretensjoni;

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv;

(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed;

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinzamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu, jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Is-soċjeta` rikorrenti kienet qed tibbaża r-rikors tagħha għar-revoka tal-mandat ta` impediment ta` safar tal-bastiment MV Elinor TH fuq l-Artikolu 836 (1) (d) u l-Artikolu 836 (1) (f) u dan kif kien jirriżulta mit-talba tar-rikorrenti fl-aħħar paġna tar-rikors.

**2. <u>Ir-rikors taħt l-Artikolu 836 tal-Kap 12 għandu jsir mill-intimat li jkun inħareġ mandat kawtelatorju kontrih</u>**

Il-mandat ta` impediment ta` safar ta` bastiment numru 1409/06 fl-ismijiet sopraċitati kien inħareġ minn din il-Qorti wara rikors li kien sar mill-intimati eżekutanti fil-21 ta` Settembru 2006 kontra l-bastiment MV Elinor TH innifsu wara li fil-15 ta` Settembru 2006 waqt li kien qed jimmanuvra f'Coal Wharf, Marsa, Malta dan kien laqat u ddanneġġa konsiderevolment il-bastiment L'Iliade propjeta` tal-intimati eżekutanti (**Dok. 'JF1'** anness mar-risposta), liema bastiment kien ormeġġat fil-viċinanzi ta` fejn kien qed jimmanuvra l-MV Elinor TH, f'Coal Wharf. Kif ammess mir-rikorrenti stess fir-rikors numru 880/2006, din il-kolliżjoni kienet seħħet unikament tort u ħtija, b'negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti fil-materja, da part tal-bastiment MV Elinor TH. Il-ħruġ tal-mandat sopraċitat kien ġie mitlub mill-intimat eżekutanti nomine kjarament sabiex jiġu kawtelati l-interessi u d-drittijiet tal-intimat nomine u cioe` sabiex titqiegħed fiż-żgur il-pretensjoni tal-intimat nomine għad-danni sofferti u dan ai termini u kif intitolat taħt l-Artikolu 855 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta` Malta.

Issa permezz tar-rikors numru 880/2006 is-soċjeta` rikorrenti Patron Group Limited (C35360) kienet qed titlob ir-revoka ta` dan il-mandat u dan kienet qed tagħmlu allegatament bħala sid il-bastiment MV Elinor TH.

Kien gie rilevat li waqt it-trattativi li kienu ppreċedew l-intavolar tar-rikors għal-ħruġ tal-mandat numru 1409/2006, Paul Attard kien informa lill-intimat nomine li huwa kien is-sid tal-bastiment MV Elinor TH, u għalhekk l-intimat nomine kien talab kemm-il darba lil Paul Attard rapprezentant tas-soċjeta` rikorrenti jipprovdihom b'ċertifikat ta` reġistrazzjoni tal-bastiment MV Elinor TH li juri li Paul Attard kellu titolu validu fil-liġi fuq il-bastiment MV Elinor TH u/jew xi dokument ieħor li juri li Paul Attard jew xi entita` oħra kontrollata minnu kien/kienet intitolata jew awtorizzata tirrapprezenta waqt in-negozjati u f'eventwali ftehim bonarju, fuq l-istess ftehim, lill-bastiment MV Elinor TH. F'vena inkonsistenti għall-aħħar, meta t-talbiet tal-intimat nomine kienu saru aktar insitenti Paul Attard, kien semma wkoll illi propjament sid il-bastiment MV Elinor TH, mhux huwa personalment, iżda soċjeta` Ċiprijotta bl-isem Medpatron Limited li pero` minn riċerka li kien għamel l-intimat kienet anqas tirrizulta li tezisti bhala ufficjalment registrata fir- reġistru Ċiprijott.

L-uniku dokument li kienu fornew ir-rikorrenti lill-intimat kien kopja ta` ċertifikat tar-reġistrazzjoni li kien juri li l-bastiment kien proprjeta` ta` soċjeta` estera bl-isem International Marine Service Co. Limited b'indirizz f'Yarmouth fir-Renju Unit (dokument anness mar-rikors u mmarkat Dok. 'JF 2'). B'hekk kontra dak li kienet tipprova tagħti x'tifhem is-soċjeta` rikorrenti fir-rikors tagħha u preċiżament fir-raba` paragrafu tat-tiena paġna tar-rikors tagħha, dwar dak li nfurmat bih lill-intimat nomine waqt it-trattativi, dwar sid il-bastiment MV Elinor TH, l-unika dokument li kien ingħata lill-intimat nomine kien id-dokument 'JF 2' anness mar-rikors, li mkien ma kien juri t-titolu vantat minn Paul Attard waqt it-trattativi, dak vantat mir-rikorrenti fir-rikors 880/2006, iżda kien juri li l-MV Elinor TH kien proprjeta` ta` soċjeta` terza bl-indirizz tagħha fir-Renju Unit.

Gie rilevat ukoll illi kemm Paul Attard kif ukoll s-soċjeta` rikorrenti kienu naqsu li juru lill-intimat nomine li huma kienu, jew li xi ħadd minnhom kien, b'xi mod awtorizzat/i jagixxi/u għan-nom tal-bastiment MV Elinor TH u/jew tas-sid tal-istess bastiment.

Issa fir-rikors numru 880/2006 is-socjeta` rikorrenti kienet tiddikjara li hija s-sid tal-bastiment MV Elinor TH. Dan kien ferm inkonsistenti u konfliġġenti mal-verzjonijiet l-oħra mogħtija lill-intimat nomine waqt it-trattativi. Anke fl-istadju u għal fini tar-rikors 880/2006 is-socjeta` rikorrenti kienet naqset li tipprova anke jekk fuq bażi *prima facie* li hija di fatti kellha xi titolu validu fil-liġi fuq il-bastiment MV Elinor TH u/jew xi awtorizzazzjoni li tirraprezenta l-bastiment MV Elinor TH. Għaldaqstant is-socjeta` rikorrenti kienet naqset li tipprova li hija kellha xi interess ġuridiku fil-bastiment MV Elinor TH u/jew li tirrapprezentah. Dan setgħet tagħmlu faċilment b'sempliċi annessjoni tad-dokumentazjoni li allegatament kienet ingħatat lill-intimat waqt il-laqgħat li kienu saru bejn il-partijiet, liema dokumenti, dejjem skond ir-rikorrenti, kellhom jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-intimat nomine li sid il-bastiment kien Malti u li kellhom jeliminaw kwalsijasi biża raġonevoli tal-intimat nomine li l-bastiment kien ser iħalli l-gżejjer Maltin u ma jirritornax. Pero` s-soċjeta` rikorrenti dan ma kenitx għamlitu.

Dunque s-socjeta` rikorrenti kienet naqset li tipprova li hija kienet sid il-bastiment MV Elinor TH u/jew li hija kienet awtorizzata tirrapprezenta lill-istess jew lis-sid tal-istess fl-atti tal-mandat numru 1409/2006 u/jew sabiex taġixxi f'isem u fl-interess tal-imsemmi bastiment, inkluż sabiex tirrapreżenta lill-istess bastiment u/jew is-sid tal-istess fi kwalsijasi proċeduri ġudizzjarji.

Kien ben ċar illi, ai termini tal-Artikolu 836 (1) tal-Kap 12, kien jista' jintavola rikors taħt l-imsemmi Artikolu l-intimat li kontrih ikun inħareġ il-mandat kawtelatorju. Il-mandat Numru 1409/2006 kien inħareġ u kien ġie eżegwit direttament kontra l-bastiment MV Elinor TH u mhux kontra s-soċjeta` rikorrenti, u dan bħala azzjoni ġudizzjarja *in rem*. D'altronde minħabba r-raġunijiet suesposti dwar id-dubju serju u raġonevoli u inċertezza dwar is-sid proprju tal-bastiment MV Elinor TH, l-intimat nomine kien kostrett jintavola r-rikors għal-ħruġ tal-mandat ta` impediment ta` safar direttament kontra l-bastiment imsemmi. Għaldaqstant ir-rikors għar-revoka tal-istess

mandat kellu u seta’ jsir biss mill-bastiment MV Elinor TH innifsu fil-kwalita` tiegħu ta` intimat. Is-socjeta` rikorrenti setgħet biss taġixxi f’isem u fl-interess tal-bastiment gjaladarba u jekk tkun debitament awtorizzata tagħmel dan, iżda qatt ma` setgħet taġixxi f’isimha proprju kif qed tagħmel fir-rikors numru 880/2006.

B’hekk preliminarjament kien qed jiġi sottomess mill-intimat nomine li r-rikors numru 880/2006 ma kienx sar ai termini tal-Artikolu 836 (1) peress illi ma kienx sar mill-intimat iżda minn soċjeta` allegatament sid il-bastiment MV Elinor TH, liema allegazzjoni s-socjeta` rikorrenti kienet naqset li tipprova *prima faċie* kif ġia rilevat aktar ‘il fuq, u dunque r-rikors kien null u għaldqstant ma kellux jiġi aktar kunsidrat minn din il-Qorti.

Inoltre dan, għar-raġunijiet suesposti kien anke kontestat l-interess ġuridiku tas-socjeta` rikorrenti f’dawn il-proċeduri.

**3. <u>Ġustifikazzjoni għat-talba tal-ħruġ tal-mandat ta` impediment ta` safar ta` bastiment Numru 1409/2006</u>**

Kif ġia sottomess il-ħruġ tal-mandat sopraċitat kien ġie mitlub mill-intimat nomine kjarament sabiex jiġu kawtelati l-interessi u d-drittijiet tal-intimat nomine u cioe` sabiex titqiegħed fiż-żgur il-pretensjoni tal-intimat nomine għad-danni sofferti u dan ai termini u kif intitolat taħt l-Artikolu 855 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta` Malta li jipprovdi kif ġej:

*“Mandat ta` impediment ta` safar ta` bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jista jinħareġ biss biex jitqegħdu fiż-żgur dejn jew pretensjoni li bi tluq tal-bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jistgħu jiġu skartati”*

Wara l-kolliżjoni tal-15 ta` Settembru 2006, l-intimat nomine kien talab kemm-il darba lil Paul Attard, li wara l-imsemmija kollizjoni kien ippreżenta ruħhu bħala s-sid tal-bastiment MV Elinor TH, jipprovdi dokumenti u ċertifikati li juru li huwa kien is-sid, kif kien qed jallega, u/jew dokumenti oħra li juru li huwa kien awtorizzat jirrapprezenta l-bastiment u/jew is-sid tagħha. Inoltre dan,

l-intimat nomine kien talab li Paul Attard fil-vesti tiegħu ta' sid u/jew persuna awtorizzata tagixxi fl-interessi u dwar il-bastiment MV Elinor TH (kif kellu jirrizulta mid-dokumenti li kellu jipprovdi) jiffirma dikjarazzjoni ta` responsabilita` għall-kolliżjoni kif ukoll li jagħmel tajjeb għad-danni permezz ta` garanzija bankarja.

Kif kien ġja sottomess aktar 'l fuq, id-dokumenti/ċertifikati msemmija ma kienux ġew provvduti minn Paul Attard kif promess kif ukoll kien naqas li jiffirma d-dikjarazzjoni msemmija u jipprovdi l-garanzija rikjesta u dan mingħajr ma kien qatt ipprovda raġuni valida sabiex jiġġustifika dan in-nuqqas. Nonostante d-diversi wegħdiet f'dan is-sens, sal-21 ta` Settembru 2006, meta Paul Attard kien baqa' inadempjenti mar-rikjesti tal-intimat nomine. Saħansitra fil-21 ta Settembru 2006 l-intimat informa lil Paul Attard li kien lest jikkonċedilu li ta' l-anqas sa dik il-ġurnata jiffirma l-imsemmija dikjarazzjoni ta` responsabilita` u jipprovdih bid-dokumenti u ċertifikati relativi għall-bastiment, sabiex l-għada 22 ta` Settembru 2006 tigi konkluża l-kwistjoni tal-garanzija bankarja. Di fatti kien ġie wkoll iffissat appuntament tentattiv għall-għada 22 ta` Settembru 2006 għal dan il-għan. Biss pero` Paul Attard kien baqa' inadempjenti anke f'dan ir-rigward u ma kienx accetta li jiffirma d-dikjarazzjoni u anqas li jipprovdi d-dokumenti rikjesti bl-argument illi dak in-nhar kienet festa pubblika u li l-intimat nomine jekk kien irid seta` jistenna sal-ġurnata ta` wara.

F'dan l-istadju u partikolarment in vista tad-diversi wegħdiet fierha u skużi u argumenti irraġjonevoli ta` Paul Attard, li kienu jindikaw altru minn buona fede ta` parti tiegħu li jonora l-wegħediet tiegħu kif ukoll jagħmel tajjeb għad-danni, l-intimat nomine ma kellux triq oħra ħlief dik li jipproċedi ġudizzjarjament fuq il-bastiment MV Elinor TH sabiex jikkawtela l-interessi tiegħu. Dan aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra li kuntrarju għal dak li kien qed jgħid Paul Attard lill-intimat nomine minn riċerka li għamel l-intimat kien irrizulta li (a) is-sidien tal-bastiment MV Elinor TH ma kienux jirrizultaw magħrufa (ara **Dok. 'JF3'** anness mar-risposta); (b) is-soċjeta` li skond Paul Attard kienetet sid il-bastiment MV Elinor TH cioe` s-soċjeta`

Ċiprijotta, Medpatron Limited (ara **Dok. 'JF4'**), kienet għadha mhix ufficjalment stabbilita; u (c) Il-bastiment MV Elinor TH ma kienx *'in class'* u ma kienx assigurat.

B'dan kollu kien jirriżulta biċ-ċar li, a kuntrarju ta` dak li kienet issottomettiet is-socjeta` rikorrenti fir-rikors (partikolarment fir-raba` paragrafu tat-tieni paġna tar-rikors), l-intimat nomine altru minn kellu jserraħu rasu li l-pretensjonijiet tieghu kienu ser jiġu sodisfatti u li ma kienx hemm perikolu li l-bastiment iħalli Malta bla ma jirritorna.

L-intimat nomine kien isibha ferm diffiċli jifhem ir-raġunar tar-rikorrenti li donnu kien jipprova jorbot il-fatt li l-bastiment huwa allegatament ta` sid Malti mal-fatti li dan ma kienx jista' jitlaq u ma jirritronax Malta. L-Artikolu 855 kien maħsub sabiex jikkawtela l-interessi ta` dawk kollha li jkollhom xi pretensjoni kontra bastiment irrispettivament mill-bandiera li taħtha jkun registrat dak il-bastiment u/jew in-nazzjonalita` tas-sidien tal-bastiment. Kieku din il-Qorti kellha takkolja r-raġunar tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, l-applikazzjoni tal-Artikolu 855 tkun qed tiġi limitata ad esklużjoni għall-impediment ta` partenza ta` bastiment reġistrat taħt il-bandiera Maltija, u/jew ta` sidien Maltin. Li kieku l-ħsieb tal-leġislatur kien dak li jillimita l-applikazzjoni ta` l-Artikolu 855 f'dan is-sens, dan kien jagħmlu b'mod speċifiku. Kien ben ċar mill-kliem ġeneriku uzat fl-Artikolu 855, illi l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu kienet miftuha wkoll f'każ li s-sidien tal-bastiment ikunu Maltin. Di fatti l-legislatur kien ħaseb li joħloq dan il-mandat proprju minhabba n-natura mobbli tal-bastimenti irrispettivament mill-bandiera li taħtha jkunu reġistrati u n-nazzjonalita` tas-sidien tal-istess. Il-fatt li di natura l-bastiment huwa oġġett mobbli u li (speċjalment f'kaz ta` bastiment ta ` ċertu kobor u tip bħal l-MV Elinor TH) jista' faċilment jiċċaqlaq minn ġurisdizzjoni għall-oħra b'konsegwenza li l-pretensjonijiet tal-kredituri tiegħu jiġu eluzi.

Oltre dan kieku fl-eżami tal-gustifikazzjoni o meno tal-ħrug ta` mandat ai termini tal-Artikolu 855 tal-Kap. 12, *dato ma non concesso,* kellha tingħata xi relevanza għan-nazzjonalita` tas-sidien tal-bastiment u/jew tal-bandiera li taħtha jkun registrat l-istess bastiment, fil-każ in diżamina,

iċ-ċirkostanzi kienu tali li minn dak la ra` u sema' l-inmtimat nomine qabel kien iddeċieda jintavola r-rikors għall-ħruġ tal-mandat, il-bastiment żgur ma kienx itajjar bandiera Maltija u minn dak allegat f'diversi stadji minn Paul Attard il-bastiment seta' kellu sid Ċiprijott (li pero` ma rriżultax lill-intimat nomine), sid Malti (li anqas ma rrizulta lill-intimat nomine), jew Ingliż, kif eventwalment kien irriżulta lill-intimat nomine.

Il-veru eżami li kien irid isir biex jiġi stabbilit jekk kenitx ġustifikata o meno t-talba tal-intimat għall-ħruġ ta` mandat ta` impediment ta` safar tal-bastiment MV Elinor TH, kien dak li jiġi analizzat jekk bil-partenza tal-bastiment setgħetx tiġi preġudikata l-pretensjoni tar-rikorrent eżekutanti tal-mandat. Fl-umli opinjoni tal-intimat nomine, fiċ-ċirkostanzi ta` kif żviluppaw l-affarijiet wara l-kolliżjoni tal-15 ta` Settembru 2006, fost l-oħrajn bil-varji inkonsistenzi u wegħdiet fierha ta` Paul Attard, u n-nuqqas ta` kjarezza dwar is-sid/sidien tal-bastiment, kien jiġġustifika d-deċiżjoni tal-intimat nomine li jintavola r-rikors għall-ħruġ tal-mandat numru 1409/2006 u dan in pjena sodisfazzjon ta` dak rikjest ai termini tal-Artikolu 855. Dan peress illi l-unika vera ċertezza li kellu l-intimat nomine kienet dik li l-bastiment MV Elinor TH responsabbli għall-inċident tal-15 ta` Settembru 2006, kien għadu jinsab Malta u kien l-unika ass li kien jista' jinqabad sabiex jiġu kawtelati l-interessi tal-intimat nomine u għalhekk bit-tluq tiegħu kienu setgħu jiġu skartati l-pretensjoniet tal-intimat nomine.

Ta' min jirrileva wkoll il-fatt illi ai termini tal-Artikolu 855 tal-Kap 12, ir-rikorrenti eżekutanti mhux necessarjament ikollu xi ċertezza matematika li bit-tluq tal-bastiment il-pretensjonijiet tiegħu ikunu definittivament u irrimedjabilment skartati. Di fatti l-kliem preċiż tal-Artikolu 855 jipprovdi li mandat jista' jinħareġ jekk bit- tluq tal-bastiment il-pretensjonijiet **<u>"jistgħu jiġu skartati".</u>** Cioe` anke jekk hemm il-biża jew dubju raġonevoli fir-rikorrent ezekutant tal-mandat li hemm probabbiltajiet li l-pretensjonijiet tiegħu jiġu skartati.

Kif żviluppaw l-affarijiet l-intimat nomine kien definittivament ġustifikat li jkollu dan it-tip ta` dubju u

sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu ma kellux triq oħra ħlief li jintavola r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta` impediment ta` safar fuq il-bastiment MV Elinor TH.

Għar-raġunijiet suesposti it-talba għal-ħruġ tal-mandat Numru 1409/2006 kienet altru minn frivola, vessatorja u malizzjuza, kif tallega s-soċjeta` rikorrenti izda kienet pjenament ġustikabbli.

**4. <u>Ħruġ ta` mandat ta` Qbid - doppja kawtela</u>**

Is-soċjeta` intimata kienet tirreferi għall-fatt illi flimikien mat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment, kien talab ukoll il-ħruġ ta' mandat ta' qbid fil-konfront tar-rikorrenti. B'referenza għal dan il-mandat ta' qbid, is-soċjeta` rikorrenti kienet ssostni li l-intimat nomine kien talab u ottjena l-istess mandat sabiex jikkawtela doppjament il-pretensjoni minnu vantata.

Fl-ewwel lok kien qed jiġi preċiżat mill-ewwel illi l-imsemmija talba għal-ħruġ ta' mandat ta' qbid kienet saret mill-intimat nomine direttament kontra il-bastiment MV Elinor TH u mhux kontra r-rikorrent. Fit-tieni lok kien qed jiġi rilevat li bis-saħħa tal-mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment kif provdut taħt l-Artikolu 855 *et seq* tal-Kap 12, l-awtoritajiet doganali u portwali jigu servuti kopja tal-mandat mill-marixall tal-Qorti sabiex ma jagħtux id-dokumenti li jawtorizzaw it-tluq tal-bastiment u jekk dawn ikunu ġia inħarġu mill-awtoritajiet kompetenti, li jieħdu l-istess dokumenti lura. Għaldaqstant l-effett tal-mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment huwa limitat u għandu effett biss fuq kwalisijasi tluq ta' bastiment li jsir ai termini tar-regolamenti in materja. Pero` l-mandat ta` impediment ta' safar ta' bastiment m'għandux effett awtomatiku fuq il-bastiment innifsu u cioe` fuq id-dokumenti abbord il-bastiment, bħaċ-ċertifikat ta' registrazzjoni, liċenzja tar-radju/satellita u dokumenti oħra essenzjali għal kwalsijasi bastiment biex ibaħħar u jidħol f'kwalsijasi port. B'hekk il-mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment m'għandux l-effett li jwaqqaf bastiment milli jitlaq b'mod klandestin u illegali. Minn dan kien jemerġi l-bżonn illi sabiex kreditur ikun kawtelat sewwa u sabiex jimpedixxi b'mod assolut il-

partenza ta' bastiment jirrikjedi li jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' Qbid kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 846 et seq tal-Kap 12 sabiex jizgura li jinqabdu u jiġu elevati minn fuq il-bastiment dawk id-dokumenti neċessarji għat-tbaħħir tal-bastiment. Di fatti minħabba din il-karatteristika tal-mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment, prezentement kien qed jiġi diskuss u kunsidrat mill-legislatur abbozz ta' liġi li fost l-oħrajn jemenda l-provvedimenti tal-mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment sabiex tiġi estiza l-effikaċja tal-istess mandat anke għall-qbid minn fuq il-bastimenti ta' dawk id-dokumenti neċessarji għat-tbaħħir tal-bastiment. Dan anke a skans ta' raddoppjar ta' proċeduri ġudizzjarji doppji bla bzonn.

Għalhekk l-intimat nomine a fini ta' kawtela effikaċi kontra t-tluq tal-MV Elinor TH kellu necessarjament jitlob ukoll il-ħruġ ta' mandat ta' qbid fuq l-istess bastiment u mhux sabiex jikkawtela doppjament l-pretensjonijiet tiegħu kif kien jallega r-rikorrent donnu sabiex jiġġustifika l-argument ta' frivolozita` vessatorjeta` u malizzja fil-mandat numru 1409/2006l.

**5. <u>Artikolu 836(1) (d) u (f)</u>**

Għalkemm ir-rikorrenti kien naqas li jidentifika bil-preċiż dawk il-fatti u argumenti fir-rikors li kellhom jikkonduċu din il-Qorti għalihom, kien jirrizulta mit-talbiet fl-aħħar paġna tar-rikors tagħha, li r-rikorrenti kien qed jibbaża r-rikors tiegħu għar-revoka tal-mandat ta` impediment ta` safar tal-bastiment MV Elinor TH fuq l-Artikolu 836 (1) (d) u l-Artikolu 836 (1) (f).

Illi l-ezistenza ta' l-elementi rikjesti taħt il- paragrafi (d) u (f) tas-subinċiż (1) tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 kien kontestat mill-intimat għar-raġunijiet segwenti:

(a) *Artikolu 836 (1) (d) - l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat u eċċessiv*

Ir-rikorrenti kien jidher li qed isostni dan il-punt a bażi tal-konkluzonijiet ta` dak li r-rikorrenti jssejjahlu 'espert

marittimu' appuntat mir-rikorrenti stess. Dan l-hekk imsejjah espert marittimu kien ikkonkluda li l-ħsarat kienu jammontaw għal massimu ta` tmint elef lira Maltin / għaxart elef lira Maltin filwaqt li l-pretensjoni li fuqha kien sar il-mandat ta` impediment ta` partenza kienet ta` circa erbgħin elf lira Maltin. Dan kif kien jidher mir-rapport anness mar-rikors u mmarkata bħala Dok. E. L-intimat nomine kien qed jikkontesta bil-qawwa r-rapport imsemmi u partikolarment il-konkluzjonijiet tiegħu ta kif wasal għall-kwantifikazzjoni ta` danni. Oltre li kien jidher li dan ir-rapport ma kienx jiehu in konsiderazzjoni xogħol u spejjez ta` żebgħa rikjesta għal-kompletezza tax-xoghol b'mod professjonli, kien jonqos mill jipprovdi stima jew stimi ta` terżi li xogħolhom kien li jwettqu u li fil-fatt kienu jistghu jwettqu dan ix-xogħol. B'hekk wieħed ma kienx jista' jiddeduċi kif l-espert wasal għall-valuri. Dan ir-rapport ovvjament kien jonqos ukoll li jieħu konsiderazzjoni tal-ispejjez żejda u telf ieħor li sofra, kien qed isofri u kien ser ikompli jeħel l-intimat nomine per konsegwenza tat-tiswijja tad-danni kawżati mill-bastiment MV Elinor TH konsistenti fost l-oħrajn f'pagi ta` crew barrani, u ħlas ta` akkomodazzjoni u spejjeż relatati.

Kien importanti wkoll li jigi rilevat li L'Iliade huwa bastiment ta` natura kummercjali (ara **Dok. JF 1)** u l-intimata tużah u l-qliegħ tagħha jidderiva miċ-charetering tal-bastiment innifsu. Di fatti L'Iliade kien jinsab Malta ghal serje ta` tiswijiet formanti parti minn tiswijiet ohra li kellhom isiru anke bnadi oħra u dan skond program ta' xogħolijiet li kellu jiġi konkluż f'qasir żmien sabiex ghall-habta ta' Marzu/April 2007, il-bastiment kien ikun jista' jerga jibda jiġi chartered lil terzi klijenti tas-soċjeta` intimata. Ovvjament per konsegwenza tal-kollizzjoni x-xoghlijiet ma kienux ser jiġu kompletati skond il-programm originarjament ippjanat minħabba li issa kien ser jkollhom isiru x-xogħlijiet ta' tiswijja tal-ħsara kawżata mill-MV Elinor TH u dunque ic-chartering kien ser ikollu jibda aktar tard miż-żmien originarjament ippjanat bil-konsegwenza li s-socjeta` intimata kienet ser tagħmel telf ta` qliegħ.

Kif kien jidher ben ċar ir-rapport preżentat mir-rikorrenti anqas ma kien jieħu in konsiderazzjoni dan it-telf ta` qliegħ.

B'hekk fl-umli opinjoni tal-intimat din il-Qorti ma kenitx tista' tistrieh fuq dan ir-rapport tar-rikorrenti sabiex tasal għall-konklużjoni jekk l-ammonti mitluba mill-intimat fil-mandat kinux o meno prima facie gustifikati jew kienux o meno eċċessivi.

Kif kienet tidher li għamlet is-soċjeta` rikorrenti, wara l-kolliżjoni tal-15 ta` Settembru 2006, l-intimat nomine kien ħatar espert fil-materja sabiex ikun jista' jħejji rapport dwar il-ħsarat kawzati mill-bastiment MV Elinor TH fuq il-bastiment L'Iliade, kif ukoll kien talab stima għax-xogħlijiet ta` tiswija. L-imsemmi rapport u l-istima annessi mar-rikors u mmarkati bħala **Dok. 'JF5'** u **Dok. 'JF6'**, kif ukoll l-istima ta` spejjeż ulterjuri u danni li l-s-socjeta` intimata kienet qedha u kienet ser issofri minħabba u per konsegwenza tal-kolliżjoni imsemmija **Dok. 'JF7'**, kienu juru ben ċar li l-ammont ta` danni sofferti mill-intimat kienu ferm aktar minn tmint jew għaxart elef lira kif kien ikkonkluda l-espert appuntat mir-rikorrenti u fil-fatt kienu jammontaw għal circa sebgha u erbghin elf lira Maltin (Lm47,000) kalkolati a bazi ta` valur ta` xoghlijiet li kienu jridu jitwettqu sabiex tiġi rranġata l-ħsara u spejjeż u telf ta` qliegħ kalkolati fuq xagħrejn żmien li kien qed jiġi anticipat li jdumu x-xogħlijiet. Fl-umli opinjoni tal-intimat kuntrarju għal dak li jsostni r-rikorrenti, żgur li dawn id-dokumenti kienu jissodisfaw il-prova *prima facie* rikjesta fi stadju ta` mandat kawtelatroju bħal mandat ta` impediment ta` safar ta` bastiment in dizamina, u għaldaqstant juru li l-ammont mitlub kien *prima facie* ġustifikat u mhux eċċessiv.

Inoltre fl-umli opinjoni tal-intimat nomine sabiex jigi sostnut il-punt ai termini tal-Artikolu 836(1) (d) ma kienx bizzejjed li r-rikorrenti tistrih fuq rapport di parte bħal ma kjarament kien Dok E. Dan b'mod speċjali meta dan kien jikkonfliġġi mar-rapport u stimi migjuba mill-intimat nomine (hawn annessi). Daltronde waqt it-trattativi li anticipaw u li anke komplew wara l-ħruġ tal-mandat Numru 1409/2006 il-

kwantifikazzjoni tad-danni kien punt li l-partijiet ma setgħux jaqblu fuqu. Fl-umli opinjoni tal-intimat nomine f'dan l-istadju l-intimat kien ġab prova żgur sodisfacenti *prima facie* li l-ammont mitlub ta` erbghin elf lira ċirka huwa ġustifikat u mhux eccessiv u għaldaqstant din il-Qorti ma kenitx tista' takkolji t-talba tar-rikorrenti għar-revoka tal-mandat ta` impediment ta` safar ta` bastiment numru 1409/2006 a bazi ta` l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12. Fl-umli opinjoni tal-intimat il-fatt li hemm konflitt bejn il-partijiet dak li qed issostnu li huwa l-kwantum ta` danni sofferti mill-intimat kienet kwistjoni fil-mertu li kienet trid tiġi deċiża minn din il-Qorti waqt is-smiegħ tal-kawża intavolata mill-intimat nomine in segwitu għall-mandat ta` impediment ta' partenza ta' bastiment Numru 1409/2006 u ghahekk ma tistax tigi analizzata f'dan l-istadju.

Ta` min isemmi biss illi r-rapport imhejji mill-espert appuntat mir-rikorrenti kien jidher illi anqas huwa iffirmat.

Fuq dan il-punt kien importanti li jiġi rilevat wkoll illi ai termini tal-Artikolu 861 tal-Kap 12, mandat ta` impediment ta` safar ta` bastiment kien jista' jintalab u jingħata sabiex jitqiegħdu fiż-żgur kreditu jew pretensjoni oħra ta` mhux anqas minn tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Mela anke jekk *dato non concesso* kieku kellha tiġi aċċettata l-kwantifikazzjoni ta` danni tar-rikorrenti, cioe` Lm8,000-Lm10,000, il-ħruġ tal-mandat ta` impediment ta` safar ta` bastiment Numru 1409/2006, kien xorta ġustifikat.

Għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti a bażi tal-Art. 836(1)(d) kellha tiġi respinta.

*(b) Art. 836 (1)(f) - Fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinzamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu, jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Ir-rikorrenti eżekutata kienet tittenta tiġġustifika l-eżistenza ta` ċirkostanzi li a bażi tagħhom dejjem skond ir-rikorrenti, mhux ragonevoli li l-mandat ta' impediment ta' safar jibqa' fis-seħħ, b'referenza ghad-danni kbar li r-rikorrenti allegatament kien qed issofri.

Id-danni li r-rikorrenti allegatament kien qed issofri jikkonsistu f'possibilita` ta` enforzar ta` penali ta` mitt elf dollaru (USD 100,000) taħt ic-charterparty agreement anness mar-rikors tar-rikorrenti, telf ta` kuntratt li kien ġie offrut lir-rikorrenti fit 22 ta` Settembru 2006, u kuntratt ieħor li kien ġie offrut lir-rikorrenti fis-27 ta` Settembru 2006.

Minn dan kien qed jiġi preliminarjamnet osservat illi d-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti kienu kollha jirreferu ghall-possibilita` ta` qliegħ jew telf u mhux telf attwalment soffert. Dan apparti mill-fatt illi żewgt offerti għal xogħol jidher li daħlu li nħareg il-mandat 1409/2006. Oltre dan ic-*charterparty agreement* anness mar-rikors tar-rikorrenti kien jipprovdi l-użu ta` aktar minn bastiment wieħed li kellhom jigu uzati fil-fornitura ta` servizzi liċ-charterer (ara Klawżola 1.2). Dunque kwalsijasi qliegh li kin isir minn dan l-arrangament ma kienx isir mill-operat tal-bastiment MV Elinor TH biss.

Issa r-rikorrenti kien qed jippretendi li din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tkompli bix-xoghol tagħha u ma ssofrix telf li setghet potenzjalment għamlet bl-uzu tal-bastiment MV Elinor TH u dan wara li dan il-bastiment innifsu kien ikkawza danni konsiderevoli fuq il-bastiment tal-intimat unikament tort tal-MV Elinor TH u dan *ex admissis* u allura r-rikorrenti filwaqt li kienet tammetti t-tort tal-kollizzjoni u danni rezultanti, kienet tippretendi li l-intimat nomine jiġi micħud id-dritt li jikkawtela l-interessi tiegħu kif tippermettilu l-liġi, sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tibqa tagħmel il-qliegħ tagħha.

Fuq dan il-punt kien jiġi rilevat li huwa prinċipju fundamentali li min jeżerċita d-dritt li jispetta lilu ma kienx jista' jitqies li f'dan l-eżerċizzju jkun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbati ħaddieħor u dan ai termini tal-massima *'qui suo iure utitur non videtur damnum facere'*, bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors lil din il-Qorti għall-kawtela tal-interessi ta` kreditur, kien dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-ċittadin m'għandux jiġi mfixkel.

Ovvjament tali dritt ma kellux jiġi abbużat. Tali abbuż kien jiġi riskontrat f'biss f'kazijiet eċċezzjonali b'mod f'kazijiet ta` vessatorjeta` naxxenti minn mala fede jew dolo. Fil-każ in diżamina fl-umli opinjoni tal-intimat ma kienx jista' jinghad li kien hemm xi forma ta` abbuż jew mala fede da part tal-intimat nomine. Daltronde l-mandat kawtrelatorju kien gie mitlub jinħareġ għall-pretensjoni għal danni li kienu emerġew in konsegwenza ta` kollizzjoni imputabbli unikament lill-MV Elinor TH u hekk aċċettata mir-rikorrenti.

Oltre dan fl-umli opinjoni tal-intimat il-fatt li r-rikorrenti eżekutata potenzjalment kienet tista' ssofri dannu bħala effett tal-mandat kawtelatorju ma kienx jista' jikkostitwixxi l-eżami li din il-Qorti trid tagħmel għall-fini tal-Artikolu 836(1)(f). Se mai l-argument ta` danni kien jista' jiġi applikat in relazzjoni mal-kwistjoni ta` garanzija ai termini ta` l-Artikolu 838A tal-Kap 12. Infatti r-rikorrenti kienet tidher li terġa tuża l-istess argument tad-danni biex issostni t-talba tagħha għall-garanzija (ara talba fir-rikors numerata bin-numru 3) liema punt kien ser jiġi trattat aktar l-isfel.

Fl-umli opinjoni tal-intimat nomine, ai termini tal-Artikolu 837(1)(f), il-funzjoni ta` din il-Qorti hi dik li tissindika jekk minn meta nħareġ il-mandat ta` impediment ta` safar tal-bastiment, kienx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li kienu prevalenti meta kien inħareġ il-mandat in kwistjoni u cioe` bidliet li ma jiġġustifikawx aktar id-dritt tal-intimat li jkun kawtelat b'dan il-mandat kawtelatorju. Dan pero` żgur mhux il-każ fil-kwistjoni in dizamina u dan peress li ċ-ċirkostanzi li kienu ġiegħlu u li ai termini tal-liġi kienu jagħtu dritt u jiġġustifikaw it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta` impediment ta` safar ta` bastiment numru 1409/2006 kienu għadhom identiċi. Fl-umli opinjoni tal-intimat, ir-rikorrenti kienet naqset li tipprova li kien hemm xi kambjament fiċ-ċirkostanzi li ma kienux jiġġustikaw li l-mandat jibqa' fis-seħħ peress li kif ingħad l-unika argument li jgib huwa dak tad-danni liema argument kien ġja ġie analizzat aktar 'l fuq.

Għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti a bażi tal Art. 836(1)(f) kellha wkoll tiġi respinta.

In oltre kien isir riferiment għall-dak li kien ġja ġie espost aktar ‘l fuq dwar l-interess ġuridiku tar-rikorrenti f’dawn il-proċeduri u n-nuqqas ta` *locus standi* tal-istess (ara Punt numru 2) id-danni alleġatament sofferti qed jew potenzjalment kienu jistgħu jiġu sofferti mir-rikorrenti stess u mhux mill-intimat bastiment MV Elinor TH.

Ir-rikorrenti kien semma wkoll il-fatt li kienet offriet ipoteka ġenerali bħala garanzija għad-danni kawzati. Kien qed jiġi rilevat illi għalkemm issir referenza għal din l-ipoteka generali donnu sabiex jipprova juri li tezisti xi garanzija sufficenti li tkopri l-pretensjonijiet tal-intimati, ir-rikorrenti kien jonqos li jagħmel talba f’dan ir-rigward taħt il-paragrafi applikabli ghall-kaz taht is-subinċiż (1) tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 u dunque r-riferiment ghal din l-ipoteka generali mhix relevanti ai fini tal-konsiderazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti tat-talbiet rikorrenti. Bla preġudizzju għal dan il-punt, l-intimat qatt ma ħass u ma kienx iħoss li ipoteka generali tar-rikorrenti kienet ser tkun u tkun suffiċenti sabiex tissodisfa l-pretensjonijiet tal-intimat. Fl-umli opinjoni tal-intimat fiċ-ċirkostanzi l-unika kawtela suffiċenti għall-pretensjonijiet tal-intimat kien l-effett tal-mandat 1409/2006 flimkien mal-mandat ta` Qbid numru 1410/2006 fuq il-bastiment MV Elinor TH. Kienet tkun garanzija suffiċenti u aċċettabli għall-intimat kif gia kienet informat lil Paul Aattard, garanzija bankarja għall-ammont pretiż pero` Paul Attard u r-rikorrenti kienu dejjem irrifjutaw li joffru din it-tip ta` garanzija bl-argument li ma kienx f’pożizzjoni jagħmel dan. L-intimat nomine kien isibha ferm diffiċli jikkombaċja dan mal-fatt illi skond ir-rikorrenti f’qasir żmien mill-operat tal-bastiment MV Elinor TH biss kien ser jagħmel qliegħ ta` circa sittin elf dollaru (USD60,000).

**6. <u>Artikolu 836(8) - Penali</u>**

Ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12, il-Qorti kienet tista’ tikkundanna lir-rikorrenti eżekutanti sabiex iħallas penali ta` mhux inqas minn ħames mitt lira u mhux aktar minn tlett elef lira. Din il-Qorti kienet tista’ tagħmlu jekk mill-fatti prodotti quddiemha kien jirrizultalha xi wieħed jew

aktar mill-fatti elenkati f'paragrafi (a) sa (d) tal-istess subinċiż 8 tal-Artikolu 836. Ir-rikorrenti kien qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq il-paragrafu (d) u cioe` a bażi tal-fatt li dejjem skond ir-rikorrenti l-mandat kien intalab mill-intimat eżekutanti b'malizzja u li t-talba kienet frivola u vessatorja.

Fuq dan il-punt l-intimat nomine kien jagħmel riferiment għall-fatti u għall-argumenti gja imsemmija u trattati aktar 'l fuq, li fl-umli opinjoni ta` l-intimat nomine kienu juru biċ-ċar illi il-talba għal ħruġ tal-mandat numru 1409/2006 ma kenitx talba malizzjuza, frivola u vessatorja iżda gustifikata fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Biżżejjed li wieħed kien jerga' jsemmi hawnhekk li l-fatt illi seħħet kollizjoni ħtija tal-bastiment MV Elinor TH bil-konsegwenza li l-bastiment L'Iliade kien sofra danni konsiderevoli ma kienx qed jiġi kontestat. Il-fatt li ma kienx hemm qbil dwar il-ħlas ma kienx kontestat anqas u l-anqas kien kontestat illi l-mandat kien intalab u inħareġ ai termini tal-Artikolu 861. Kien biss kontestat il-kwantum tad-danni, li fl-umli opinjoni tal-intimat kienu dawk elenkati fid-dokumenti annessi ma' din in-nota. Dan pero` kien punt fil-mertu li kien jista' jiġi analizzat u deċiz biss waqt it-trattazzjoni tal-kawża. L-intimata tablet il-ħruġ tal-mandat 1409/2006 in buona fede sabiex tikkawtela l-interessi tagħha li ma kienux u ma humiex mod ieħor kawtelati. Dunque l-elementi rikjesti taħt l-Artikolu 836(8)(d) ma kienux jeżistu u għaldaqstant tar-rikorrenti għall-kundanna ta` hlas ta` penali kontra l-intimat kienet timmerita li tiġi miċħuda.

**7. <u>Artikolu 838A tal-Kap 12</u>**

It-talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huwa dritt sanċit mil-liġi fejn iċ-ċittadin huwa permess illi jfittex il-protezzjoni tal-Qorti għall-ħarsien preventiv tad-drittijiet tiegħu kontra l-aġir ta' terzi. Il-prinċipju ġenerali li jirregola l-eżerċizzju ta' dan id-dritt kien, fuq skorta ta' ġurisprudenza kostanti, li l-persuna li tfittex li tħares id-drittijiet tagħha bit-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju ma tistax titqies responsabbli għad-danni jew penali sakemm ma jiġix ippruvat li kien sar abbuż fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt (vide *Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri* citazz.

numru 39/91JSP – deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Jannar 1992; *Demajo vs Page* Vol XV, pġ 34 – deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Jannar 1895; *Mugliette vs Bezzina* Vol XXVI Pt 1, pg 405; *Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et* Vol XXXIX Pt 1 pg 288).

Fil-kawza *Blye Engineering Co Ltd v. Paolo Bonnici Ltd (Cit. Nru. 492/2002/1 Qorti Civili Prim'Awla, 7 ta' Lulju 2004)* din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet stabbiliet kif ġej: **,**

*"Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabilita' għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi. Għalhekk, ġie deċiż li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatarju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez. Vol. XXXVIII.I.223; u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol.XXVIII.III.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriċċjosament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha"*.

Il-mandat ta' impediment ta` safar ta` bastiment, kien evidentement intiż sabiex jiġi mblukkat il-bastiment innifsu bħala garanzija għall-jeddijiet ta' l-eżekutanti, liema jeddijiet kienu, fil-każ odjern, apparti fl-atti tal-mandat innifsu u f'din in-nota anke fir-rikors ġuramentat preżentat mill-intimat in segwitu tal-mandati numri 1409/2006 u 1410/2006 u fid-dokumenti esebiti fl-atti ta dan ir-rikors u fl-atti tal-imsemmi rikors ġuramentat.

Iżda, <u>l-iskop</u> tal-mandat, kif hawn fuq imfisser, ma kellux jiġi konfuż ma' <u>l-effetti</u> li kien jista' jkollha l-eżekuzzjoni ta' l-istess mandat. Altrimenti kull mandat kawtelatorju kien jista' jibda jitqies bħala aġir abbużiv, għall-istess raġunijiet li minnhom kienet qed tilmenta s-soċjeta` rikorrenti.

Fi kliem ieħor, l-iskop tat-talba għall-ħruġ ta' mandat kien dejjem preżunt in buona fede, sabiex jitħarsu l-jeddijiet ta' persuna kontra oħra. Fil-mument, iżda, illi jiġi pruvat li l-

persuna li titlob il-ħruġ tal-mandat ma kenitx qiegħda taġixxi fl-interess tal-protezzjoni tal-jeddijiet tagħha, iżda bl-intenzjoni unika li tagħmel ħsara lill-persuna li kontra tagħha jkun intalab il-ħruġ tal-mandat, allura dik il-persuna tkun qiegħda taġixxi abbużivament u tkun, f'tali każ, soġġetta għas-sanzjonijiet predisposti fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L-Artikolu 838A jagħti d-dritt lil min għandu "*kawża ġusta*" li jitlob garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax. L-oneru tal-prova dwar il-"*kawża ġusta*" kienet tispetta lil min jitlob il-garanzija u tali prova kellha, neċessarjament, tindika, anke jekk fuq bażi *prima facie*, li l-persuna li talbet il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju kienet ħatja ta' xi waħda mill-każijiet elenkati fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12, liema artikolu jelenka l-każijiet uniċi illi fihom il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna, illi fuq talba tagħha ikun inħareġ l-att kawtelatorju, iħallas penali lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat. Bl-applikazzjoni tas-subinċiż (9) ta' l-istess artikolu, il-Qorti, tista' fl-istess każijiet, tikkundanna lill-istess persuna tħallas ukoll dawk id-danni li setgħet ikkaġunat b'dan il-mandat.

Minn eżami tal-każijiet elenkati fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12, kif gja kien ġie argumentat aktar 'il fuq, kien jirriżulta li l-intimat nomine ma kienx jistgħa' jinsab ħati ta' l-aġir allegat mir-rikorrenti eżekutati in kwantu ma kienx aġixxa malizzjożament, frivolożament jew vessatorjament. L-intimat kien ippreżenta l-mandat f'ċirkostanzi fejn huwa ħassu ġustifikat li joħroġ dan l-att kawtelatorju sabiex jikkawtela l-jeddijiet tiegħu skond il-liġi, mhux biss minħabba l-fatt illi d-danni sofferti kienu sostanzjali, iżda wkoll minħabba l-fatt li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment minħabba l-inċertezza dwar il-propjetarju/ji tal-bastiment u n-natura mobbli tal-bastiment innifsu, l-unika ċertezza li kellu l-intimat kien li l-bastiment kien jinsab Malta u l-unika rimedju ċert kien dak li jipprocedi *in rem* kontra l-bastiment bil-mandati kawtelatorji (inkluz il-mandat 1409/2006) segwiti bl-intavolar ta` rikors ġuramentat għall-kundanna, likwidazzjoni u hlas ta` danni.

Illi, fil-każ in eżami, għalhekk, l-intimat nomine ma kienx qed jabbuża minn dan id-dritt, għaliex kien qiegħed sempliċiment ifittex li jħares id-drittijiet tiegħu qabel ma jiġu irrimedjabilment preġudikati, u mhux li jarrekaw xi dannu lir-rikorrenti.

Illi għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, l-initmat issottometta li, fir-rikors promotur, ir-rikorrent ma kellux ġusta kawża sabiex jitlob il-garanzija kontemplata fl-artikolu 838A tal-Kap 12, kemm għaliex ma kienx jidher li jeżistu l-ingredjenti ta' ġusta kawża fit-talba tiegħu, kif ukoll għaliex ma kellux jirriżulta li, bl-aġir tieghu, l-intimat irrenda ruħu soġġett għal xi penali, danni jew imgħax favur ir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Bazikament il-partijiet jaqblu dwar il-fatti ta' kif sar l-incident fejn isemmu li fil-15 ta' Settembru waqt li l-bastiment bl-isem MV Elinor TH kien qed jimmanuvra biex johrog mill-irmigg laqat il-bastiment L'Illiade proprjeta` tas-socjeta` estera Ilios Limited li kien irmiggjat hdejn Bezzina Ship Yard fejn kienu qed isirulu xi xogholijet ta' manutensjoni. Saru anke xi diskussjonijiet dwar possibbli tranzazzjoni izda ma giex milhuq ftehim principalment mhux minhabba r-responsabbilta` tal-incident izda kawza ta' nuqqas ta' qbil dwar il-***quantum*** ta' hsarat rizultanti mill-incident u l-***lucrum cessans*** ta' matul it-tiswijiet necessarji.

L-ewwel eccezzjoni ta' Frech ***nomine*** hi bazata fuq il-fatt li a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap 12 il-ligi ssemmi li "l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrieh jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju … li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat". Isemmi li Paul Attard qieghed fil-proceduri odjerni jaghmel dan ir-rikors ghar-revoka ta' mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment MV Elinor

TH u dana a tenur tal-artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap 12 apparti mill-impozizzjoni ta' penali a tenur tal-artikolu 836(8) u tat-talba ghall-garanzija a bazi tal-artikolu 838A tal-Kap 12. Frech ***nomine*** jissolleva l-fatt li ghalhekk meta Paul Attard intavola l-proceduri odjerni dawn ma kienux saru kontrieh u bhala tali ma setax jistitwixxi dawn il-proceduri oltre ghall-fatt li l-imsemmi Paul Attard ***nomine*** ma gabx prova li hu s-sid tal-bastiment MV Elinor TH. Infatti meta wiehed hares lejn il-mandat 1409/06 l-intimat huwa mnizzel bhala MV Elinor TH (bastiment registrat taht il-bandiera Bermuda IMO 6614504 li ghandu tunnellagg gross ta' 959,IMO number 6614504) u minn imkien ma jirrizulta l-isem ta' Paul Attard jew tas-socjeta` Patron Group Limited.

Huwa minnu li Paul Attard kien informa lill-kontro parti li huwa kien is-sid tal-bastiment MV Elinor TH izda meta mitlub jipproduci certifikat ta' registrazzjoni biex jipprova t-titolu validu tieghu dan qatt ma gie prodott anzi gie sottomess li darba minnhom Paul Attard semma li proprjament is-sid tal-bastiment ma kienx hu personalment izda socjeta` Ciprijotta bl-isem ta' Medpatron Ltd izda din anqas biss tirrizulta fir-registru Ciprijott. Sosnta u pproduca li l-unika dokument fornut minn Paul Attard ***nomine*** kien kopja ta' certifikat ta' registrazzjoni (ara Dokument JF2 fol 47 tal-process) minn fejn jirrizulta li l-bastiment huwa proprjeta` ta' spocjeta` estera bl-isem International Marine Service Co. Limited b'indirizz Yarmouth fir-Renju Unit. Dan iwassal ghall-fatt li jidher li l-bastiment MV Elinor TH hu proprjeta` ta' socjeta` terza b'indirizz fir-Renju Unit.

Dan huwa problema serja ghax jekk ma jirrizultax li r-rikorrent huwa l-proprjetarju hu allura m'ghandux interess guridiku. Sal-lum ma gie prodott ebda certifikat ta' registrazzjoni f'isem Paul Attard ***nomine***. Skond l-artikolu 836(1) ir-rikors ghar-revoka jista' jsir mill-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrieh u dan mhux qed jirrizulta u ghalhekk bilfors f'dan l-istadju qed tichad ir-rikors ghalkemm qedha fl-istess hin tirriserva li jekk fi zmien gimgha Paul Attard ***nomine*** jipprezenta certifikat ta' registrazzjoni li jipprova li s-socjeta` Patron Group Limited

kienet sid tal-bastiment MV Elinor TH fid-29 ta' Settembru 2006 meta gie intavolat ir-rikors kif ukoll li hu ghandu d-dritt li jidher u jirrapprezenta lis-socjeta` Patron Group Limited (C 35360) ghandhom jidhlu fis-sehh il-provvedimenti li gejjin purche` fuq rikors il-Qorti tqis tali dokumenti bhala validi. Il-Qorti qed taghmel dan biex ma jkunx hemm bzonn ta' trattazzjonijiet ulterjuri u dewmien aktar jekk tali dokumenti jigu prodotti.

Inoltre Frech ***nomine*** eccepixxa li hu kien gustifikat fit-talba ghall-hrug tal-mandat tal-impediment tas-safar u tenur tal-artikolu 855 tal-Kap 12. Dan l-artikolu jsemmi li:
"Mandat ta' impediment tas-safar ta' bastiment jew bicca ohra tal-bahar jista' jinhareg biss biex jitqieghdu fiz-zgur dejn jew pretensjoni li bit-tluq tal-bastiment jew bicca ohra tal-bahar jistghu jigu skartati".

Huwa ovvju ghalhekk li Frech kien intitolat li jintavola l-proceduri ghall-mandat ta' impediment tas-safar ta' bastiment u l-kwistjoni li jista' jifdal hija biss relattiva ghall-***quantum*** ta' danni reklamati.

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawza "**<u>Camilleri vs Gove` et</u>**", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, "li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."

Illi l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet <u>gja ezistenti taghha</u> u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"<u>Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina</u>"** deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 fejn inghad:
"id-dritt ta' kawtela – cjoe` d-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-

dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat". Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix l-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".

Ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tezamina jekk dwar l-att attakkatt intweriex li l-ammont mitlub hux ***prima facie*** gustifikat jew eccessiv biex jikkawtela d-drittijiet ta' Frech ***nomine***. Paul Attard ***nomine*** pprezenta rapport ta' ispezzjoni tal-hsarat li gie anticipat bhala fir-regjun ta' bejn Lm8,000 ghal Lm10,000 (fol 30). Issa Frech ***nomine*** li l-ewwelnett tali rapport mhux iffirmat u li kieku stess huwa totalment zbaljat fis-sens li skond id-dokumenti prodotti minnu l-ammonti huma totalment differenti u skond id-dokument "JF6" mahrug minn Bezzina Ship Repair Yard Limited kif konfermat minn Marine And Industrial Consultancy Services Limited (Dokument "JF5" fol 55) dawn il-hsarat jammontaw ghal Lm18,245. Gie prodott ukoll id-dokument "JF7" (ara fol 62). Minn hemm jirrizulta li f'xahar jintilfu mal-E20,547. Dan iwassal ghal cirka Lm27,000 danni, u l-Qorti tqis li jekk jigi prodott ic-certifikat ta' proprjeta` mir-rikorrent odjern kif issemm aktar 'il fuq hi ghandha tnaqqas l-ammont imsemmi fil-mandat ghal Lm25,000 izda dan ghandu jibqa' fis-sehh.

Paul Attard ***nomine*** talab l-impozizzjoni ta' penali a tenur tal-art 836(8). Il-bazi ta' din it-talba tidher li hija l-836(1)(d) u cioe` li t-talba kienet wahda b'malizzja, frivola jew vessatorja. Lil din il-Qorti dawn il-fatti ma jirrizultawlhiex ghax kif issemma aktar 'il fuq dwar ir-responsabbilta` hemm ammissjoni u ***prima facie*** jidher li hemm danni ghal madwar Lm25,000. Huwa veru li l-mandat sar ghal Lm40,000 u taht dak l-aspett jidher li Frech ***nomine*** esagera izda fil-fehma tal-Qorti tenut kont tal-fatturi kollha ma thossx il-Qorti li hemm l-elementi necessarji ghall-impozizzjoni tal-penali. Naturalment fi proceduri bhal dawn kollox isir ftit bil-ghaggla u ghalkemm ma tidhirx il-gustifikazzjoni tal-Lm40,000 bl-istess mod Paul Attard ***nomine*** anqas biss ipproduca d-dokument ta' proprjeta` u

ghalhekk il-Qorti tista' tifhem in-natura tal-ghaggla u ma thossx li dawn l-affarijiet saru b'mod frivolu jew vessatorju jew malizzjozament u ghalhekk tichad it-talba ghall-impozizzjoni ta' penali.

Jifdal li l-Qorti tezamina t-talba taht l-artikolu 838A tal-Kap 12 u cioe` ghal danni. Dwar it-talba ghall-**GARANZIJA** mitluba taht l-artikolu 838A "ghall-hlas tal-penali, danni u imghax" talvolta dovuti lilha jekk kemm-il darba l-mandat jinzamm fis-sehh, il-Qorti trid tara li tali garanzija ssir ghall-hlas ta' penali, danni u imghax u f'dan il-kaz mhux applikabbli l-penali izda possibbilment tista' tkun applikabbli ghad-danni u imghax. Dipendenti hawn ukoll mill-prezentata tac-certifikat ta' registrazzjoni fuq imsemmi l-Qorti thoss li huwa gustifikat li ssir garanzija minn Frech ***nomine*** ghall-ammont ta' Lm10,000 dan dejjem jekk jekk jigi ppruvat li fid-29 ta' Settembru 2006 meta gew intavolati l-proceduri odjerni r-rikorrenti ***nomine*** kien il-propjetarju tal-bastiment MV Elinor TH.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan ir-rikors billi:

Tilqa' l-ewwel eccezzjoni fis-sens li sa dan l-istadju Paul Attard ***nomine*** ma gab ebda prova li hu kien is-sid tal-bastiment MV Elinor TH meta gie intavolat ir-rikors odjern fid-29 ta' Settembru 2006. Taghti lill-istess Paul Attard ***nomine*** biex jipproduci dokumenti ghall-prova ta' dan fi zmien gimgha mil-lum fuq rikors appozitu.

Tqis ir-rikors ghall-mandat bhala gustifikat ghalkemm jekk jigi prezentat u accettat id-dokument fuq imsemmi ghandu jkun limitat ghal Lm25,000.

Fl-ahharnett, dejjem dipendenti mill-produzzjoni u accettazzjoni tac-certifikat, li jkun hemm garanzija ta' Lm10,000.

Spejjez kontra r-rikorrent minhabba l-fatt li ma giex prodott ic-certifikat ta' proprjeta` tal-vapur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------